# DIRETTIVA 2012/29/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Ottubru 2012

## li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Unjoni stipulat għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja msejsa fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

(2) L-Unjoni hija impenjata għall-protezzjoni ta', u għat-twaqqif ta' standards minimi fir-rigward tal-vittmi ta' atti kriminali u l-Kunsill adotta id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali ([4]). Skont il-Progamm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini ([5]), li ġie adottat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-10 u tal-11 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew mitluba jeżaminaw kif se jiġu mtejba l-leġislazzjoni u l-miżuri prattiċi ta' appoġġ għall-protezzjoni tal-vittmi, b'attenzjoni speċjali għas-sostenn u r-rikonoxximent tal-vittmi kollha, inkluż għall-vittmi tat-terroriżmu, bħala prijorità.

(3) L-Artikolu 82(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-istabbiliment tar-regoli minimi applikabbli fl-Istati Membri sabiex ikunu ffaċilitati r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali ta' natura transkonfinali, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-vittimi tal-kriminalità.

(4) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2011 dwar Pjan direzzjonali biex jiġu msaħħa d-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi b'mod partikolari fi proċedimenti kriminali ([6]), ("il-Pjan Direzzjonali ta' Budapest") il-Kunsill iddikjara li għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jissaħħu d-drittijiet ta', l-appoġġ għal u l-protezzjoni tal-vittimi tal-kriminalità. Għal dan il-għan u f'konformità ma' dik ir-riżoluzzjoni, din id-Direttiva għandha l-għan li tirrevedi u tissupplimenta l-prinċipji stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI u li jittieħdu passi 'l quddiem sinifikanti fil-livell tal-protezzjoni tal-vittmi fl-UE kollha, b'mod partikolari fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

(5) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa ([7]) appellat lill-Istati Membri biex itejbu l-liġijiet u l-politiki nazzjonali tagħhom biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u biex jaġixxu bil-ħsieb li jingħelbu r-raġunijiet tal-vjolenza fuq in-nisa, billi jadottaw b'mod partikolari miżuri preventivi, u appella lill-Unjoni biex tiggarantixxi d-dritt għall-għajnuna u l-appoġġ għall-vittmi kollha tal-vjolenza.

(6) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar prijoritajiet u punti prinċipali ta' qafas politiku ġdid tal-UE rigward il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([8]) il-Parlament Ewropew ippropona strateġija għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, il-vjolenza domestika u l-mutilazzjoni ġenitali femminili bħala bażi għal strumenti leġislattivi tad-dritt kriminali futuri kontra l-vjolenza abbażi tas-sessi, inkluż qafas għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (politika, prevenzjoni, protezzjoni, prosekuzzjoni, proviżjoni u sħubija) li għandu jiġi segwit minn pjan ta' azzjoni tal-Unjoni. Ir-regolamentazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam tinkludi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) adottata fit-18 ta' Diċembru 1979, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat CEDAW, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika adottata fis-7 ta' April 2011.

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 39.
([2]) ĠU C 113, 18.4.2012, p. 56.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2012.
([4]) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 1.
([5]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
([6]) ĠU C 187, 28.6.2011, p. 1.
([7]) ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 53.
([8]) ĠU C 296E, 2.10.2012, p. 26.

(7) Id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni ([1]) tistabbilixxi mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' protezzjoni f'materji kriminali bejn l-Istati Membri. Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu ([2]) u d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija ([3]) jindirizzaw, inter alia, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji partikolari tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal,il-pedopornografija.

(8) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([4]), tirrikonoxxi li t-terroriżmu jikkostitwixxi wieħed mill-akbar vjolazzonijiet tal-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, inkluż il-prinċipju tad-demokrazija u tikkonferma illi huwa jikkostitwixxi, inter alia, theddida għall-eżerċizzju ħieles tad-drittijiet tal-bniedem.

(9) Il-kriminalità hija dannu kontra s-soċjetà kif ukoll ksur tad-drittijiet individwali tal-vittmi. Għalhekk, il-vittmi tal-kriminalità għandhom jiġu rikonoxxuti u trattati b'rispett u b'mod sensittiv u professjonali mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip ibbażata fuq kwalunkwe raġuni bħar-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, li wieħed ikun membru ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, is-sessi, l-espressjoni tas-sessi, l-identità tas-sessi, l-orjentazzjoni sesswali, l-istatus ta' residenza jew l-istat ta' saħħa. Fil-kuntatti kollha ma' kull awtorità kompetenti li topera fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, u kull servizz li jiġi f'kuntatt mal-vittmi, bħas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew ta' ġustizzja restorattiva, għandhom jitqiesu s-sitwazzjoni personali u l-ħtiġijiet immedjati, l-età, is-sess, diżabbiltà possibbli u l-livell ta' maturità tal-vittmi tal-kriminalità filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-integrità fiżika, mentali u morali tagħhom. Il-vittmi tal-kriminalità għandhom jiġu protetti minn vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta mill-intimidazzjoni u mir-ritaljazzjoni, għandhom jirċievu appoġġ xieraq biex jiġi ffaċilitat l-irkupru tagħhom u għandhom jingħataw aċċess suffiċjenti għall-ġustizzja.

(10) Din id-Direttiva ma tindirizzax il-kundizzjonijiet ta' residenza tal-vittmi ta' atti kriminali fit-territorju tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jsirux kundizzjonali fuq l-istatus ta' residenza tal-vittma fit-territorju tagħhom jew fuq iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità tal-vittma. Ir-rappurtar ta' att kriminali jew il-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali ma joħolqu ebda dritt fir-rigward tal-istatus ta' residenza tal-vittma.

(11) Din id-Direttiva tistipula regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni.

(12) Id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-awtur ta' ksur. L-użu tat-terminu "awtur ta' ksur" jirreferi għalpersuna li tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat. Madanakollu, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, huwa jirreferi wkoll għal persuna suspettata jew akkużata qabel kwalunkwe rikonoxximent ta' ħtija jew kundanna, u huwa mingħajr preġudizzju għall-preżunzjoni ta' innoċenza.

(13) Din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali mwettqa fl-Unjoni u għall-proċedimenti kriminali li jsiru fl-Unjoni. Hija tagħti drittijiet lill-vittmi ta' reati extraterritorjali biss fir-rigward tal-proċedimenti kriminali li jsiru fl-Unjoni. L-ilmenti li jsiru lill-awtoritajiet kompetenti barra mill-Unjoni, bħall-ambaxxati, ma jagħtux bidu għall-obbligi stipulati f'din id-Direttiva.

(14) Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata fl-20 ta' Novembru 1989. Vittmi li huma tfal għandhom jitqiesu u jiġu trattati bħala persuni li għandhom b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva u għandhom jiġu intitolati li jeżerċitaw dawk id-drittijiet b'mod li jqis il-kapaċità tagħhom li jiffurmaw il-fehmiet tagħhom stess.

(15) Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi b'diżabbiltajiet ikunu jistgħu igawdu bis-sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva fuq bażi ugwali ma' persuni oħrajn, inkluż billi jiffaċilitaw l-aċċessibbiltà għall-bini fejn isiru l-proċedimenti kriminali u l-aċċess għall-informazzjoni.

(16) Il-vittmi tat-terroriżmu ġarrbu attakki li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex jagħmlu ħsara lis-soċjetà. Għaldaqstant huma jistgħu ikunu jeħtieġu attenzjoni, appoġġ u protezzjoni minħabba n-natura partikolari tal-att kriminali li jkun twettaq kontrihom. Il-vittmi tat-terroriżmu jistgħu ikunu taħt skrutinju pubbliku sinifikanti u ta' spiss ikunu jeħtieġu rikonoxximent soċjali u trattament b'rispett mis-soċjetà. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom għalhekk jieħu kont partikolari tal-bżonnijiet tal-vittmi tat-terroriżmu, u għandhom ifittxu li jipproteġu d-dinjità u s-sigurtà tagħhom.

([1]) ĠU L 388, 21.12.2011, p. 2.
([2]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([3]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([4]) ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

(17) Il-vjolenza diretta kontra persuna minħabba s-sess ta' dik il-persuna, l-identità tas-sessi jew l-espressjoni tas-sessi jew li taffettwa lil persuni ta' sess partikolari b'mod disproporzjonat, titqies bħala vjolenza abbażi tas-sessi. Din tista' tirriżulta fi ħsara fiżika, sesswali, emozzjonali jew psikoloġika jew telf ekonomiku għall-vittma. Vjolenza abbażi tas-sessi titqies bħala forma ta' diskriminazzjoni u ksur tal-libertajiet fundamentali tal-vittma u tinkludi vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, vjolenza sesswali (inkluż stupru, attakk u abbuż sesswali), traffikar tal-bnedmin, skjavitù u forom differenti ta' prattiki li jagħmlu l-ħsara, bħal żwiġijiet sfurzati, mutilazzjoni ġenitali femminili u l-hekk imsejjaħ "reati tal-unur". Vittmi nisa ta' vjolenza abbażi tas-sessi u t-tfal tagħhom ta' spiss ikunu jeħtieġu appoġġ u protezzjoni speċjali minħabba r-riskju għoli ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta,ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni marbuta ma' tali vjolenza.

(18) Meta l-vjolenza ssir f'relazzjoni mill-qrib, din issir minn persuna li tkun konjuġi jew sieħeb/sieħba attwali jew preċedenti jew membru ieħor tal-familja tal-vittma, kemm jekk l-awtur tar-reat jaqsam jew kien jaqsam l-istess dar mal-vittma u kemm jekk dan ma jaqsamx jew ma kienx jaqsam l-istess dar. Tali vjolenza tista' tkopri vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika u tista' tirriżulta f'dannu fiżiku, mentali jew ħsara emozzjonali jew telf ekonomiku. Il-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib hija problema soċjali serja u ta' spiss moħbija li tista' tikkawża trawma psikoloġika u fiżika sistematika b'konsegwenzi qawwija minħabba li l-awtur ta' ksur tkun persuna li l-vittma għandha tkun tista' tafda. Għaldaqstant il-vittmi tal-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib jistgħu ikunu jeħtieġu miżuri speċjali ta' protezzjoni. In-nisa jiġu affettwati b'mod disproporzjonat minn dan it-tip ta' vjolenza u s-sitwazzjoni tista' tkun agħar jekk il-mara tkun dipendenti mill-awtur ta' ksur ekonomikament, soċjalment jew fir-rigward tad-dritt ta' residenza tagħha.

(19) Persuna għandha titqies li hija vittma irrispettivament minn jekk awtur ta' ksur jiġix identifikat, maqbud, imressaq il-qorti jew jekk jinstabx ħati u irrispettivament mir-relazzjoni ta' familja bejniethom. Huwa possibbli li anki l-membri tal-familja tal-vittmi jsofru d-danni b'riżultat tal-att kriminali. B'mod partikolari, il-membri tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha tkun ġiet ikkawżata direttament minn reat kriminali jista' jsirilhom ħsara b'riżultat tal-att kriminali. Għalhekk, tali membri tal-familja li huma vittmi indiretti tal-att kirminali għandhom ukoll igawdu mill-protezzjoni permezz ta' din id-Direttiva. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jistabbilixxu proċeduri biex jillimitaw l-għadd ta' membri tal-familja li jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. Fil-każ tat-tfal, it-tfal jew, sakemm dan ma jkunx kontra l-aħjar interessi tat-tfal, id-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur f'isem it-tfal għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura jew formalità amministrattiva nazzjonali meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li persuna hija vittma.

(20) Ir-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-possibbiltà li huma jieħdu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont is-sistema nazzjonali, u jiġu ddeterminati minn wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:jekk is-sistema nazzjonali tipprevedix status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali; jekk il-vittma tkunx taħt rekwiżit legali jew tkun mitluba tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali, per eżempju bħala xhieda; u/jewjekk il-vittma tkunx legalment intitolata skont il-liġi nazzjonali li tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali u tkun qed tfittex li tagħmel dan, fejn is-sistema nazzjonali ma tipprevedix li l-vittmi jkollhom status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema minn dawk il-kriterji japplikaw biex jiġi ddeterminat l-ambitu tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva, fejn ikun hemm referenzi għar-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti.

(21) L-informazzjoni u l-pariri mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti, mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u tal-ġustizzja restorattiva għandhom jingħataw kemm jista' jkun permezz ta' firxa ta' mezzi u b'mod li jista' jinftiehem mill-vittma. Tali informazzjoni u pariri għandhom jingħataw b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli. Għandu jiġi żgurat ukoll li l-vittma tista' tinftiehem waqt il-proċedimenti. F'dan ir-rigward, għandhom jitqiesu l-għarfien mill-vittma tal-lingwa użata biex tingħata l-informazzjoni, l-età, il-maturità, il-kapaċitajiet intellettwali u emozzjonali, il-litteriżmu u kwalunkwe indeboliment mentali jew fiżiku tagħha. Għandhom jitqiesu b'mod partikolari d-diffikultajiet fil-ftehim jew fil-komunikazzjoni li jistgħu ikunu minħabba diżabbiltà ta' xi tip, bħal problemi fis-smigħ jew fil-kliem. Bl-istess mod, għandhom jitqiesu l-limitazzjonijiet fil-kapaċitajiet tal-vittma li tikkomunika l-informazzjoni waqt il-proċedimenti kriminali.

(22) Il-mument meta jsir l-ilment għandu, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jitqies li jaqa' fil-kuntest tal-proċediment kriminali. Dan għandu jinkludi wkoll sitwazzjonijet fejn l-awtoritajiet ex officio jibdew il-proċedimenti kriminali bħala riżultat ta' reat kriminali mġarrab minn vittma.

(23) L-informazzjoni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż għandha, mill-mument tal-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti, tingħata pereżempju f'fuljett li jagħti l-kundizzjonijiet bażiċi għal tali rimborż tal-ispejjeż. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu mitluba, f'dan l-istadju bikri tal-proċedimenti kriminali, jiddeċiedu dwar jekk il-vittma kkonċernata tissodisfax il-kundizzjonijiet għar-rimborż tal-ispejjeż.

(24) Meta jirrappurtaw att kriminali, il-vittmi għandhom jirċievu għarfien bil-miktub tal-ilment tagħhom mill-pulizija, li jagħti l-elementi bażiċi tal-att kriminali, bħat-tip ta' att kriminali, il-ħin u l-post, u kwalunkwe ħsara jew dannu kkawżati mill-att kriminali, eċċ. Dan l-għarfien għandu jinkludi numru ta' fajl u l-ħin u l-post għar-rappurtar tal-att kriminali sabiex potenzjalment iservi bħala evidenza li l-att kriminali jkun ġie rrappurtat, pereżempju b'rabta ma' pretensjonijiet ta' assigurazzjoni.

(25) Mingħajr preġudizzju għal egoli relatati ma' perjodi ta' limitazzjoni, ir-rappurtar tard ta' reat kriminali minħabba l-biża' ta' ritaljazzjoni, umiljazzjoni jew stigmatizzazzjoni, m'għandux iwassal biex jiġi mċaħħad l-għarfien tal-ilment tal-vittma.

(26) Meta tingħata l-informazzjoni, għandu jingħata biżżejjed dettall biex jiġi żgurat li l-vittmi jiġu trattati b'rispett u biex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar is-sehem tagħhom fil-proċedimenti. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni li tippermetti lill-vittma tkun taf dwar l-istat attwali ta' kwalunkwe proċediment hija partikolarment importanti. Dan huwa rilevanti bl-istess mod għall-informazzjoni li tippermetti lill-vittma tiddeċiedi jekk għandhiex tressaq talba għal reviżjoni ta' deċiżjoni li ma jiġix mixli l-awtur. Sakemm mhux meħtieġ mod ieħor, għandu jkun possibbli li l-informazzjoni komunikata lill-vittma tingħata jew bil-fomm jew bil-miktub, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi.

(27) L-informazzjoni lil vittma għandha tintbagħat lill-aħħar indirizz għall-korrispondenza jew dettalji ta' kuntatt elettroniku magħrufa mogħtija lill-awtorità kompetenti mill-vittma. F'każijiet eċċezzjonali, pereżempju minħabba l-għadd kbir ta' vittmi involuti f'każ, għandu jkun possibbli li l-informazzjoni tingħata permezz tal-istampa, permezz ta' websajt uffiċjali tal-awtorità kompetenti jew permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni simili.

(28) L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jagħtu informazzjoni, fejn l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni jista' jaffettwa t-trattament xieraq tal-każ jew jagħmel ħsara lil każ jew persuna partikolari, jew jekk huma jqisu li dan ikun imur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom.

(29) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-vittmi jirċievu dettalji ta' kuntatt aġġornati għall-komunikazzjoni dwar il-każ tagħhom, sakemm il-vittma ma tkunx esprimiet xewqa li ma tirċevix informazzjoni bħal din.

(30) Referenza għal "deċiżjoni" fil-kuntest tad-dritt għall-informazzjoni, l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni, għandha tinftiehem biss bħala referenza għall-istabbiliment tal-ħtija jew mod ieħor li jtemm il-proċedimenti kriminali. Ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni jistgħu jingħataw lill-vittma permezz ta' kopja tad-dokument li jkun fih dik id-deċiżjoni jew permezz ta' sommarju qasir tagħhom.

(31) Id-dritt għall-informazzjoni dwar il-ħin u l-post ta' proċess li jirriżulta mill-ilment rigward ir-reat kriminali mġarrab mill-vittma għandu japplika wkoll għall-informazzjoni dwar il-ħin u l-post ta' smigħ relatat ma' appell ta' sentenza fil-każ.

(32) Għandha tingħata informazzjoni speċifika dwar ir-rilaxx jew il-ħarba tal-awtur ta' ksur lill-vittmi, fuq talba, tal-inqas fil-każijiet li fihom jista' jkun hemm periklu jew riskju identifikat ta' ħsara lill-vittmi, sakemm ma jkunx hemm riskju identifikat ta' ħsara għall-awtur ta' ksur li jirriżulta min-notifika. Fejn ikun hemm riskju identifikat ta' ħsara lill-awtur ta' ksur li jirriżulta min-notifika, l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-riskji kollha l-oħra meta tiddetermina azzjoni adatta. Ir-referenza għal "riskju identifikat ta' ħsara għall-vittmi" għandha tkopri fatturi bħan-natura u s-severità tal-att kriminali u r-riskju ta' ritaljazzjoni. Għalhekk, ma għandhiex tkun applikata għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn ġew kommessi reati minuri u b'hekk fejn ikun hemm biss riskju żgħir ħafna ta' ħsara lill-vittma.

(33) Il-vittmi għandha tingħatalhom informazzjoni dwar kwalunkwe dritt għall-appell ta' deċiżjoni li jiġi rilaxxat l-awtur ta' ksur, jekk tali dritt ikun jeżisti fil-liġi nazzjonali.

(34) Ma tistax tinkiseb ġustizzja b'mod effettiv sakemm il-vittmi ma jkunux jistgħu jispjegaw sew iċ-ċirkostanzi tal-att kriminali u jipprovdu l-provi tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti b'mod li jinftiehem. Huwa daqstant importanti li jigi żgurat li l-vittmi jiġu trattati b'mod rispettuż u li jkollhom il-possibilità li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Għaldaqstant l-interpretazzjoni għandha tkun disponibbli, bla ħlas, waqt l-interrogazzjoni tal-vittma sabiex din tkun tista' tipparteċipa b'mod attiv tagħhom fis-smigħ tal-qorti, f'konformità mar-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti. Għal aspetti oħrajn tal-proċedimenti kriminali, il-ħtieġa għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tista' tvarja skont kwistjonijiet speċifiċi, ir-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti u l-involviment tagħha fil-proċedimenti u kwalunkwe drittijiet speċifiċi li jkollha. Fil-fatt, l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni għal dawn il-każijiet l-oħrajn jeħtieġ li jiġu pprovduti biss sa fejn ikun meħtieġ biex il-vittmi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

(35) Il-vittma għandu jkollha d-dritt tikkuntesta deċiżjoni li ssib li m'hemmx ħtieġa għatgħal interpretazzjoni jew traduzzjoni, skont il-proċeduri fil-liġi nazzjonali. Dan id-dritt ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu mekkaniżmu separat jew proċedura ta' lmenti li fihom tista' tiġi kkuntestata deċiżjoni u m'għandhomx itawlu l-proċedimenti kriminali b'mod mhux raġonevoli. Reviżjoni interna tad-deċiżjoni skont il-proċeduri nazzjonali eżistenti tkun biżżejjed.

(36) Il-fatt li vittma titkellem lingwa waħda, li ma tkunx mitkellma b'mod wiesa', m'għandux fih innifsu jkun raġuni għalxiex jiġi deċiż li l-interpretazzjoni jew it-traduzzjoni ttawwal il-proċedimenti kriminali b'mod mhux raġonevoli.

(37) L-appoġġ għandu jkun disponibbli mill-mument li l-awtortitajiet kompetenti ikunu konxji mill-vittma u matul il-proċedimenti kriminali u għal żmien adatt wara tali proċedimenti skont il-ħtiġijiet tal-vittma u d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. L-appoġġ għandu jingħata b'mezzi varji, mingħajr formalitajiet żejda u b'distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti bejn l-Istati Membri, li jippermettu li l-vittmi kollha jkollhom l-opportunità ta' aċċess għal dawn is-servizzi. Il-vittmi li ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità tal-att kriminali jistgħu jirrikjedu servizzi speċjalisti ta' appoġġ.

(38) Persuni li huma partikolarment vulnerabbli jew li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet li jesponuhom għal riskju partikolarment għoli ta' dannu, bħal persuni li jkunu soġġetti għal vjolenza ripetuta f'relazzjonijiet mill-qrib, vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sess, jew persuni li jkunu vittmi ta' tipi oħrajn ta' kriminalità fi Stat Membru li mhumiex ċittadini tiegħu jew residenti fih, għandhom jiġu provduti b'appoġġ speċjalizzatu protezzjoni legali. Is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għandhom ikunu bbażati fuq approċċ integrat u mmirat li b'mod partikolari għandu jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, is-severità tal-ħsara mġarrba b'riżultat ta' reat kriminali, kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-vittmi, l-awturi ta' ksur, it-tfal u l-ambjent soċjali usa' tagħhom. Kompitu ewlieni ta' dawn is-servizzi u l-persunal tagħhom, li jaqdu rwol importanti fl-appoġġ lill-vittma biex tirkupra minn u tegħleb il-ħsara jew trawma potenzjali li tirriżulta minn reat kriminali, għandu jkun li jgħarrfu lill-vittmi dwar id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva sabiex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet f'ambjent ta' appoġġ li jittrattahom b'dinjità, rispett u sensittività. It-tipi ta' appoġġ li għandhom joffru servizzi speċjalizzati bħal dawn jistgħu jinkludu il-provvista ta' kenn u akkomodazzjoni sikura, appoġġ mediku immedjat, riferiment għal eżami mediku u forensiku għal evidenza f'każijiet ta' stupru jew attakk sesswali, konsulenza psikoloġika fuq perijodu qasir u twil, kura għat-trawmi, konsulenza legali, sostenn attiv u servizzi speċifiċi għat-tfal bħala vittmi diretti jew indiretti.

(39) Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi mhumiex meħtieġa illi jipprovdu għarfien espert speċjalist u professjonali estensiv. Jekk ikun meħtieġ, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għandhom jgħinu lill-vittmi biex jitolbu l-appoġġ professjonali eżistenti, pereżempju l-psikologi.

(40) Għalkemm l-għoti ta' appoġġ m'għandux jiddependi mill-fatt li l-vittmi jagħmlu lment dwar reat ma' awtorità kompetenti bħall-pulizija, tali awtoritajiet spiss ikunu fl-aħjar pożizzjoni biex jinfurmaw lill-vittmi dwar il-possibilità ta' appoġġ. L-Istati Membri huma għaldaqstant imħeġġa jistabbilixxu kundizzjonijiet xierqa biex il-vittmi jkunu jistgħu jiġu rreferiti għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, anki billi jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data jistgħu jiġu rrispettati u li qed jiġu rrispettati. Għandhom jiġu evitati riferimenti ripetuti.

(41) Id-dritt tal-vittmi li jinstemgħu għandu jitqies li ġie milħuq fejn il-vittmi jkunu permessi li jagħmlu stqarrijiet jew spjegazzjonijiet bil-miktub.

(42) Id-dritt tal-vittmi tfal li jinstemgħu fi proċedimenti kriminali m'għandux jiġi prekluż biss fuq il-bażi li l-vittma tkun tifel/tifla jew abbażi tal-età ta' dik il-vittma.

(43) Id-dritt għal reviżjoni ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni għandu jkun meqjus li jirreferi għal deċiżjonijiet meħuda minn prosekuturi u mħallfin jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi investigattivi bħal uffiċjali tal-pulizija, iżda mhux għad-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati. Kwalunkwe reviżjoni ta' deċizjoni li ma ssirx prosekuzzjoni għandha titwettaq minn persuna jew awtorità differenti minn dik li tkun għamlet id-deċiżjoni oriġinali, sakemm id-deċiżjoni inizjali li ma ssirx prosekuzzjoni ma tkunx ittieħdet mill-ogħla awtorità ta' prosekuzzjoni, li kontra d-deċiżjoni tagħha ma tista' ssir l-ebda reviżjoni, u li f'liema każ ir-reviżjoni tista' ssir minn dik l-istess awtorità. Id-dritt għal reviżjoni ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni ma tikkonċernax proċeduri speċjali, bħall-proċedimenti kontra membri tal-parlament jew tal-gvern, b'rabta mat-tħaddim tal-pożizzjoni uffiċjali tagħhom.

(44) Deċiżjoni li ttemm il-proċedimenti kriminali għandha tkopri sitwazzjonijiet fejn il-prosekutur jiddeċiedi li jirtira l-akkużi jew li ma jkomplix il-proċedimenti.

(45) Deċiżjoni tal-prosekutur li tirriżulta f'riżoluzzjoni barra l-qorti u li għalhekk ittemm il-proċediment kriminali, teskludi biss lill-vittmi mid-dritt għal reviżjoni ta' deċiżjoni tal-prosekutur li ma ssirx prosekuzzjoni, jekk ir-riżoluzzjoni tkun timponi twissija jew obbligu.

(46) Servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jinkludu pereżempju l-medjazzjoni bejn il-vittma u l-awtur ta' ksur, konferenzi fi grupp tal-familja u l-gruppi ta' konsulenti li jissuġġerixxu lill-imħallfin l-aħjar piena ("sentencing circles"), jistgħu jkunu ta' benefiċċju kbir għall-vittma, imma jeħtieġu salvagwardji biex jiġu evitati vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimadazzjoni u ritaljazzjoni. Għaldaqstant servizzi bħal dawn għandhom primarjament iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet tal-vittma, biex tissewwa l-ħsara lill-vittma u l-prevenzjoni ta' iktar ħsara. Meta każ jiġi riferut għas-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u fit-twettiq tall-proċess tal-ġustizzja restorattiva, għandhom jitqiesu fatturi bħan-natura u s-severità tal-att kriminali, il-grad ta' trawma sussegwenti, il-vjolazzjoni ripetuta tal-integrità fiżika, sesswali jew psikoloġika ta' vittma, l-iżbilanċ fil-poteri, l-età, il-maturità jew il-kapaċità intellettwali tal-vittma li jistgħu jillimitaw jew inaqqsu l-kapaċità tal-vittma li tagħmel għażla infurmata jew li jistgħu jtellfu lill-vittma milli jkollha riżultat pożittivIl-proċessi tal-ġustizzja restorattiva għandhom bi prinċipju jkunu kunfidenzjali, sakemm mhux maqbul mod ieħor mill-partijiet, jew kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali minħabba interess pubbliku iktar importanti. Fatturi bħal theddid li jkun sar jew kull forma ta' vjolenza mwettqa matul il-proċess jistgħu jitqiesu bħala li jeħtieġ li jiġu żvelati fl-interess pubbliku.

(47) Il-vittmi m'għandhomx ikunu mistennija li jġarrbu spejjeż marbutin mal-parteċipazzjoni tagħhom fi proċedimenti kriminali.L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jirrimborżaw biss l-ispejjeż meħtieġa tal-vittmi fir-rigward tal-partepiċazzjoni tagħhom fi proċedimenti kriminali u, m'għandhomx ikunu meħtieġa jirrimborżaw l-onorarji legali tal-vittmi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu kundizzjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż fil-liġi nazzjonali, bħal limiti ta' żmien għal talba ta' rimborż, rati standard għall-ispejjeż ta' għajxien u vvjaġġar u ammonti massimi għal kuljum għat-telf ta' qligħ. Id-dritt għal rimborż tal-ispejjeż fi proċedimenti kriminali ma għandux jeżisti f'sitwazzjoni fejn il-vittma tagħmel dikjarazzjoni dwar reat kriminali. L-ispejjeż għandhom ikunu koperti biss sa fejn il-vittma tkun obbligata jew mitluba mill-awtoritajiet kompetenti li tkun preżenti u tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali.

(48) Propjetà sekwestrata fi proċedimenti kriminali li tista' tiġi rkuprata għandha tintradd lura lill-vittma tal-att kriminali kemm jista' jkun malajr, sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet eċċezzjonali, bħal f'tilwim dwar is-sjieda jew fejn il-pussess tal-proprjetà jew il-proprjetà nnifisha tkun illegali. Id-dritt ta' radd lura tal-proprjetà għandu jkun mingħajr preġudizzju għaż-żamma leġittima tagħha għall-iskop ta' proċedimenti legali oħra.

(49) Id-dritt għal deċiżjoni dwar kumpens mill-awtur ta' ksur u l-proċedura applikabbli rilevanti għandhom japplikaw ukoll għall-vittmi residenti fi Stat Membru ieħor apparti l-Istat Membru fejn twettaq ir-reat kriminali.

(50) L-obbligu stabbilit f'din id-Direttiva li jiġu trasmessi l-ilmenti m'għandux jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jibdew proċedimenti u huwa bla preġudizzju għar-regoli ta' kunflitt dwar l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni kif stipulat fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali ([1]).

(51) Jekk il-vittma tkun telqet it-territorju tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat kriminali, dak l-Istat Membru m'għandux jibqa' jiġi obbligat jagħti għajnuna, appoġġ u ħarsien ħlief għal dak li huwa direttament relatat ma' kwalunkwe proċediment kriminali li jkun qed iwettaq fir-rigward tar-reat kriminali kkonċernat, bħal miżuri ta' protezzjoni speċjali waqt il-proċedimenti tal-qorti. L-Istat Membru ta' residenza tal-vittma għandu jagħti l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni meħtieġa għall-ħtieġa tal-vittma li jirkupra.

(52) Għandhom ikunu disponibbli miżuri biex jitħarsu s-sikurezza u d-dinjità tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom minn vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, minn intimidazzjoni jew minn ritaljazzjoni, bħal mandati interim jew ta' protezzjoni jew ordnijiet ta' trażżin.

([1]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42.

(53) Għandu jiġi limitat ir-riskju ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni mill-awtur ta' ksur jew b'riżultat tal-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali billi l-proċedimenti jitwettqu b'mod koordinat u rispettuż, li jippermetti l-vittmi jiksbu fiduċja fl-awtoritajiet. L-interazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti għandha tkun faċli kemm jista' jkun filwaqt li jiġi limitat l-għadd ta' interazzjonijiet li l-vittma jkollha magħhom pereżempju permezz ta' reġistrazzjoni ta' filmati tal-intervisti u billi jkun permess l-użu ta' dan fil-proċedimenti tal-qorti. Il-prattikanti għandu jkollhom medda wiesgħa ta' miżuri disponibbli biex tigi evitata t-tbatija lill-vittma waqt il-proċedimenti fil-qorti b'mod partikolari bħala riżultat tal-kuntatt viżwali mal-awtur tal-ksur, mal-familja tiegħu jew tagħha, mal-kompliċi jew mal-membri tal-pubbliku. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jintroduċu, speċjalment fir-rigward tal-bini tal-qrati u l-għases tal-pulizija, miżuri fattibbli u prattiċi li jippermettu li l-faċilitajiet ikunu jinkludu, per eżempju, entrati u żoni ta' stennija separati għall-vittmi. Barra minn hekk l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jippjanaw il-proċedimenti kriminali sabiex jiġu evitati l-kuntatti il-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom u l-awtur tal-ksur, pereżempju billi l-vittmi u l-awturi tal-ksur jissejħu għassmigħ f'ħinijiet differenti.

(54) Il-protezzjoni tal-privatezza tal-vittma tista' tkun mezz importanti ta' kif tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjonii u tista' tinkiseb permezz ta' firxa ta' miżuri li jinkludu l-projbizzjoni tal-iżvelar jew limitazzjonijiet fuq l-iżvelar ta' informazzjoni li tirrigwarda l-identità u l-post fejn tkun tinsab il-vittma. Protezzjoni bħal din hija partikolarment importanti għall-vittmi tfal, u tinkludi l-projbizzjoni tal-iżvelar tal-isem tat-tifel jew tat-tifla. Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn, b'eċċezzjoni, it-tfal ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iżvelar jew anke publikazzjoni wiesa', pereżempju meta t-tfal ikunu nhatfu. Il-miżuri biex jitharsu l-privatezza u x-xbihat tal-vittmi u tal-membri tal-familji tagħhom għandhom dejjem ikunu konsistenti mad-dritt għal proċess ġust u l-libertà tal-espressjoni, kif rikonoxxuti mill-Artikoli 6 u 10, rispettivament, tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

(55) Uħud mill-vittmi huma partikolarment vulnerabbli għall-vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għall-intimidazzjoni u r-ritaljazzjoni min-naħa tal-awtur ta' ksur waqt il-proċedimenti kriminali. Huwa possibbli li tali riskju joħroġ mill-karatteristiċi personali tal-vittma, jew it-tip, in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-att kriminali. Huwa biss permezz ta' valutazzjonijiet individwali, imwettqa kemm jista' jkun malajr, li tali riskju jista' jiġi identifikat b'mod effettiv. Tali valutazzjonijiet għandhom jitwettqu għall-vittmi kollha biex jiddeterminaw jekk humiex f'riskju ta vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuti, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni u liema miżuri ta' protezzjoni speċjali huma meħtieġu.

(56) Il-valutazzjonijiet individwali għandhom iqisu l-karatteristiċi personali tal-vittma bħall-età, is-sess, l-identità jew l-espressjoni tas-sessi, l-etniċità, ir-razza, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, is-saħħa, id-diżabbiltà, l-istatus ta' residenza, id-diffikultajiet komunikattivi, ir-relazzjoni mal-awtur ta' ksur jew id-dipendenza minnu, esperjenza preċedenti tal-kriminalità. Għandhom jiehdu kont tat-tip jew in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-att kriminali bħal jekk huwiex att kriminali ta' mibegħda, att kriminali ta' preġudizzju jew att kriminali mwettaq bi skop diskriminatorju, vjolenza sesswali, vjolenza f'relazzjoni mill-qrib, jekk l-awtur ta' ksur kien f'pożizzjoni ta' kontroll, jekk ir-residenza tal-vittma tkunx f'żona b'livell għoli ta' kriminalità jew iddominata mill-gruppi kriminali, jew jekk il-pajjiż tal-oriġini tal-vittma ma jkunx l-Istat Membru fejn ikun twettaq l-att kirminali.

(57) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, il-vjolenza jew l-isfruttament sesswali, il-vjolenza abbażi tas-sessi, l-atti kriminali ta' mibegħda, u l-vittmi b'diżabbiltajiet jew il-vittmi tfal x'aktarx jgħaddu minn rata għolja ta' vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni. Il-valutazzjoni ta' jekk vittmi bħal dawn ikunux f'riskju ta' tali vittimizzazzjoni, intimidazzjoni u ritaljazzjoni għandha ssir b'reqqa partikolari u għandu jkun hemm preżunzjoni qawwija li dawk il-vittmi ser jibbenefikaw minn miżuri speċjali ta' protezzjoni.

(58) Vittmi li ġew identifikati bħala vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni għandhom jingħataw il-miżuri adatti biex jipproteġuhom matul il-proċedimenti kriminali. In-natura eżatta ta' tali miżuri għandha tiġi determinata permezz tal-valutazzjoni individwali, b'kont meħud tax-xewqa tal-vittma. Sa fejn kwalunkwe tali miżura għandha tiġi determinata mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja. It-tħassib u l-biża' tal-vittmi b'rabta mal-proċedimenti għandhom ikunu fattur ewlieni fid-determinazzjoni ta' jekk ikunux jeħtieġu xi mizura partikolari.

(59) Il-ħtiġijiet u l-limiti operattivi immedjati jistgħu jagħmlu impossibbli li jiġi żgurat pereżempju li l-istess uffiċjal tal-pulizija jintervista b'mod konsistenti lill-vittma: il-mard, il-maternità jew il-leave tal-ġenituri huma eżempji ta' tali limiti. Barra minn hekk, postijiet strutturati speċjalment għall-intervisti mal-vittmi, jista' jkun li ma jkunux disponibbli, pereżempju, minħabba renovazzjoni. Fil-każ ta' tali limiti operattivi jew prattiċi, jista' ma jkunx possibbli li miżura speċjali prevista wara valutazzjoni individwali tiġi provduta abbażi ta' każ b'każ.

(60) Fejn, f'konformità ma' din id-Direttiva, ikollu jinħatar gwardjan jew rappreżentant għat-tifel jew tifla, dawk ir-rwoli jistgħu jitwettqu mill-istess persuna jew minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità.

(61) Kwalunkwe uffiċjal involut fi proċedimenti kriminali li x'aktarx ikollu kuntatt personali mal-vittmi għandu jkollu aċċess għal u jirċievi taħriġ adatt inizjali u kurrenti, sa livell adatt għall-kuntatt tiegħu mal-vittmi,,sabiex ikun jista' jidentifika l-vittmi u l-ħtiġijiet tagħhom u jittrattħom b'manjiera rispettuża, sensittiva, professjonali u non-diskriminatorja. Persuni li x'aktarx ikunu involuti fil-valutazzjoni individwali biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet għall-protezzjoni speċifika tal-vittmi u tiġi determinata l-ħtieġa tagħhom għall-miżuri ta' protezzjoni speċjali għandhom jirċievu taħriġ speċifiku dwar kif titwettaq tali valutazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw tali taħriġ għall-persunal tal-pulizija u l-persunal tal-qorti. Ugwalment, it-taħriġ għandu jkun promoss għall-avukati, il-prosekuturi u l-imħallfin u għall-prattikanti li jipprovdu appoġġ lill-vittmi jew servizzi tal-ġustizzja risorattiva. Dan ir-rekwiżit għandu jinkludi taħriġ dwar is-servizzi ta' appoġġ speċifiċi lill-vittmi għandhom ikunu riferuti għalihom jew taħriġ speċjalizzat fejn xogħolhom jiffoka fuq il-vittmi bi ħtiġiet speċjali u taħriġ psikoloġiku speċifiku, kif adatt. Fejn relevanti, tali taħriġ għandu jkun sensittiv għall-ugwaljanza bejn is-sessi. L-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar it-taħriġ għandhom jiġu kumplementati b'linji gwida, rakkomandazzjonijiet u skambju tal-aħjar prattiki f'konformità mal-Pjan Direzzjonali ta' Budapest.

(62) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu u jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti u attivi li jaħdmu mal-vittmi tal-att kriminali, b'mod partikolari f'inizjattivi ta' tfassil tal-politika, kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-mizuri biex joffru appoġġ u protezzjoni lill-vittmi tal-att kriminali. Sabiex il-vittmi tal-att kriminali jirċievu l-grad korrett ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni, is-servizzi pubbliċi għandhom jaħdmu f'manjiera koordinata u għandhom ikunu involuti fil-livelli amministrattivi kollha — fil-livell tal-Unjoni, u fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali. Il-vittmi għandhom ikunu megħjuna biex isibu u jindirizzaw id-drittijiet lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu evitati r-rinviji ripetuti. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jiżviluppaw "punti uniċi ta' aċċess" jew "punti uniċi ta' servizz", li jindirizzaw il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi meta jkunu involuti fi proċedimenti kriminali, inkluża l-ħtieġa li jirċievu informazzjoni, assitenza, appoġġ, protezzjoni u kumpens.

(63) Sabiex jiġi inkoraġġut u ffaċilitat ir-rappurtar ta' atti kriminali u l-vittmi jkunu jistgħu jiksru ċ-ċiklu tal-vittimizzazzjoni ripetuta, hu essenzjali li s-servizzi ta' appoġġ affidabbli jkunu disponibbli għall-vittmi u li l-awtoritajiet komptenti jkunu lesti li jirrispondu għar-rapporti tal-vittmi b'manjiera rispettuża, sensittiva, professjonali u mhux diskiriminatorja. Dan jista' jżid il-fiduċja tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri u jnaqqas in-numru ta' atti kriminali mhux irrappurati. Il-prattikanti li x'aktarx jirċievu lmenti mill-vittmi fir-rigward ta' reati kriminali għandhom ikunu mħarrġa b'mod adatt biex jiffaċilitaw ir-rappurtar ta' atti kriminali, u għandhom jiġu attwati miżuri biex ikun jista' jsir ir-rappurtar minn parti terza, inklużi l-organizzazzjoniet tas-soċjetà ċivili. Għandu jkun possibbli li jsir użu mit-teknoloġiji ta' komunikazzjoni, bħall-posta elettronika, video, reġistrazzjonijiet jew forom elettroniċi online sabiex isiru l-ilmenti.

(64) Il-ġbir sistematiku u adegwat tad-data tal-istatistika huwa rikonoxxut bħala komponenti essenzjali tat-tfassil effettiv tal-politika fil-qasam tad-drittijiet stipulat f'din id-Direttiva. Sabiex tiġi ffaċiltata l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-data tal-istatistika relevanti relatata mal-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi ta' att kriminali, inklużi tal-anqas in-numru, it-tip jew in-natura tal-atti kriminali rrappurtati, u safejn tali data hi magħrufa jew disponibbli, in-numru u l-età u s-sess tal-vittmi. Data ta' statistika rilevanti tista' tinkludi data rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn possibbli, data amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-ħarsien soċjali u appoġġ mhux governattiv lill-vittmi, jew servizzi ta' ġustizzja restorattiva u organizzazzjonijiet oħrajn li jaħdmu ma' vittmi ta' att kriminali. Data ġudizzjarja tista' tinkludi informazzjoni dwar att kriminali rappurtati, l-għadd ta' kawżi li huma investigati, u l-persuni li jgħaddu prosekuzzjoni u li jiġu ssentenzjati. Data amministrattiva bbażata fuq servizzi tista' tinkludi, sa fejn possibbli, data dwar kif il-vittmi qed jużaw is-servizzi pprovduti mill-aġenziji tal-gvern u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ pubbliċi u privati, bħall-għadd ta' riferimenti mill-pulizija lis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, l-għadd ta' vittmi li jitolbu, jirċievu jew li ma jirċivux appoġġ jew ġustizzja restorattiva.

(65) Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u li tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI. Peress li l-emendi li għandhom isiru huma ta' għadd u ta' natura sostanzjali, dik id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi sostitwita kompletament fl-interess taċ-ċarezza fir-rigward tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

(66) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, tfittex li tippromwovi d-dritt għad-dinjità, għall-ħajja, għall-integrità fiżika u mentali, il-libertà u s-sigurtà, ir-rispett tal-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għall-proprjetà, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, id-drittijiet tat-tfal, tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità, u d-dritt għal smigħ xieraq.

(67) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni ta' vittmi ta' att kriminali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri,, u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti potenzjali, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(68) Data personali pproċessata meta tiġi implimentata din id-Direttiva għandha tiġi protetta skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ([1]) u skont il-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 dwar il-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, irratifikata mill-Istati Membri kollha.

(69) Din id-Direttiva ma taffettwax dispożizzjonijiet aktar usa' li jinsabu f'atti oħra tal-Unjoni li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji ta' vittmi partikolari, bħall-vittmi ta' traffikar ta' bnedmin u vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal, sfruttament sesswali u pedopornografija, b'mod aktar immirat.

(70) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-TUE u għat-TFUE, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(71) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 350, 30.12.2008, p.60.

(72) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ta opinjoni fis-17 ta' Ottubru 2011 ([2]) ibbażata fuq l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data ([3]),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Objettivi

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura li vittmi tal-kriminalità, jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi huma rikonoxxuti u trattati b'rispett, b'mod sensittiv, speċifikament indirizzat,professjonali u mhux diskriminatorju, fil-kuntatti kollha b'appoġġ għall-vittmi jew bis-servizzi ta' ġustizzja restorattiva jew awtorità kompetenti, li topera fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-vittmi b'mod mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward tal-istatus ta' residenza tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn il-vittmi huma tfal, l-aqwa interessi tat-tfal għandhom ikunu l-ewwel konsiderazzjoni u għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis l-età tat-tfal, il-livell ta' maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib, għandu jipprevali. It-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali jew rappreżentant legali ieħor, jekk ikun hemm, għandhom jiġu informati bi kwalunkwe miżura jew dritt iffukat speċifikament fuq it-tfal.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "vittma" tfisser:

(i) persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali;

(ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna;

([2]) ĠU C 35, 9.2.2012, p. 10.

([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(b) "membri tal-familja" tfisser wieħed mill-konjuġi, il-persuna li qed tgħix mal-vittma f'relazzjoni intima, f' dar konġuntau impenjata fuq bażi stabbli u kontinwa, il-qraba diretti, l-aħwa, u d-dipendenti tal-vittma;

(c) "tfal" tfisser kwalunkwe persuna taħt it-18-il sena.

(d) ġustizzja restorattiva' tfisser kwalunkwe proċess li permezz tiegħu l-vittma u l-awtur tar-reat jistgħu, jekk jagħtu kunsens b'mod liberu, jipparteċipaw b'mod attiv fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet li joħorġu mir-reatpermezz tal-għajnuna ta' parti terza imparzjali.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri:

(a) biex jillimitaw l-għadd ta' membri tal-familja li jistgħu jgawdu mid-drittijiet taħt din id-Direttiva b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali ta' kull każ; u

(b) fir-rigward tal-paragrafu 1(a)(ii), biex jiddeterminaw liema membri tal-familja għandhom prijorità fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.

KAPITOLU 2

## GĦOTI TA' INFORMAZZJONI U APPOĠĠ

*Artikolu 3*

### Id-dritt li wieħed jifhem u li jinftiehem

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jgħinu lill-vittmi biex dawn jifhmu u jkunu jistgħu jinftiehmu mill-ewwel kuntatt u waqt kwalunkwe interazzjoni ulterjuri meħtieġa tagħhom ma' awtorità kompetenti fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, inkluż meta l-informazzjoni tiġi trasmessa minn dik l-awtorità.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunikazzjonijiet mal-vittmi jingħataw b'lingwa sempliċi u aċċessibbli, bil-fomm jew bil-miktub. Tali komunikazzjonijiet għandhom iqisu l-karatteristiċi personali tal-vittmi inkluż kwalunkwe diżabbiltà li tista' taffettwa l-abbiltà biex jifhmu jew jiġu miftiehma.

3. Sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tal-vittmi jew sakemm ma jiġix ippreġudikat il-proċess tal-proċedimenti, l-Istati Membri għandhom iħallu lill-vittmi jiġu akkumpanjati minn persuna li jagħżlu huma fl-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti, fejn, minħabba l-impatt tar-reat kriminali, il-vittma tkun tinħtieġ l-għajnuna biex tifhem jew tinftiehem.

*Artikolu 4*

### Dritt li tingħata informazzjoni mal-ewwel kuntatt li jsir ma' awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu offruti din l-informazzjoni li ġejja, mingħajr dewmien mhux neċessarju, mill-ewwel kuntatt tagħhom ma' awtorità kompetenti biex ikunu jistgħu jingħataw aċċess għad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva:

(a) it-tip ta' appoġġ li jista' jinkiseb u minn min, inkluż, fejn rilevanti, informazzjoni bażika dwar l-aċċess għall-appoġġ mediku, kwalunkwe appoġġ ta' speċjalista, inkluż appoġġ psikoloġiku, u akkomodazzjoni alternattiva;

(b) il-proċeduri dwar kif isir ilment fir-rigward ta' reat u r-rwol tagħhom b'rabta ma' proċeduri bħal dawn;

(c) kif u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiksbu protezzjoni, inklużi miżuri ta' protezzjoni;

(d) kif u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiksbu aċċess għal parir legali, għajnuna legali jew kwalunkwe tip ieħor ta' parir;

(e) kif u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiksbu aċċess għall-kumpens;

(f) kif u taħt liema kundizzjonijiet huma intitolati għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni;

(g) jekk ikunu residenti fi Stat Membru apparti minn dak li fih ikun twettaq ir-reat, kull miżura, proċedura jew arranġament speċjali, li huma disponibbli sabiex jipproteġu l-interessi tagħhom fl-Istat Membru, fejn ikun sar l-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti;

(h) il-proċeduri disponibbli biex jitressqu lmenti meta d-drittijiet tagħhom ma jiġux irrispettati mill-awtorità kompetenti li topera fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali;

(i) id-dettalji ta' kuntatt għall-komunikazzjonijiet dwar il-każ tagħhom;

(j) is-servizzi ta' ġustizzja restorattiva disponibbli;

(k) kif u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiġu rimborżati għal spejjeż imġarrba b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

2. Il-firxa jew id-dettall tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tvarja abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi personali tal-vittma u t-tip jew in-natura tal-att kriminali. Jistgħu jiġu pprovduti dettalji addizzjonali wkoll fi stadji aktar tard skont il-ħtiġijiet tal-vittma u r-rilevanza, f'kull stadju tal-proċedimenti, ta' tali dettalji.

*Artikolu 5*

**Dritt tal-vittmi meta jagħmlu ilment**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jirċievu rikonoxximent bil-miktub tal-ilment formali tagħhom magħmul minnhom lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li jiddikjara l-elementi bażiċi tar-reat kriminali kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi li jixtiequ jagħmlu ilment fir-rigward ta' reat kriminali u li ma jifhmux jew ma jitkellmux il-lingwa tal-awtorità kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu l-ilment b'lingwa li jifhmu jew billi jirċievu l-għajnuna lingwistika neċessarja.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, li ma jifhmux jew ma jitkellmux il-lingwa tal-awtorità kompetenti, jirċievu t-traduzzjoni mingħajr ħlas, tal-konferma bil-miktub tal-ilment tagħhom, prevista fil-paragrafu 1, jekk jixtiequ hekk, b'lingwa li jifhmu.

*Artikolu 6*

**Dritt li jingħataw informazzjoni dwar il-każ tagħhom**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu notifikati mingħajr dewmien żejjed bid-dritt tagħhom li jirċievu l-informazzjoni li ġejja dwar il-proċedimenti kriminali mibdija bħala riżultat tal-ilment fir-rigward ta' reat kriminali mġarrab mill-vittma u li, fuq talba, huma jirċievu tali informazzjoni:

(a) kwalunkwe deċiżjoni li ma tkomplix jew li ttemm investigazzjoni jew li ma tixlix l-awtur ta' ksur;

(b) il-ħin u l-post tal-proċess, u n-natura tal-akkużi kontra l-awtur ta' ksur.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mar-rwol tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti, il-vittmi jiġu notifikati mingħajr dewmien żejjed bid-dritt tagħhom li jirċievu l-informazzjoni li ġejja dwar il-proċedimenti kriminali mibdija bħala riżultat tal-ilment fir-rigward ta' reat kriminali mġarrab mill-vittma u li, fuq talba, jirċievu tali informazzjoni:

(a) kwalunkwe sentenza finali fi proċess;

(b) informazzjoni li tippermetti lill-vittma li tkun mgħarrfa bis-sitwazzjoni tal-proċedimenti kriminali, sakemm f'każijiet eċċezzjonali tali notifika ma taffettwax ħażin it-trattament tal-każ.

3. Informazzjoni prevista taħt il-paragrafu 1(a) u l-paragrafu2(a) għandha tinkludi raġunijiet jew sommarju ta' raġunijiet għad-deċiżjoni inkwistjoni, ħlief fil-każ ta' deċiżjoni ta ġuri jew deċiżjoni fejn ir-raġunjiet huma kunfidenzjali f'liema każijiet ir-raġunijiet ma jingħatawx bħala kwistjoni tal-liġi nazzjonali.

4. Ix-xewqa tal-vittmi dwar jekk jixtiqux li jingħataw informazzjoni għandha torbot lill-awtorità kompetenti, ħlief jekk dik l-informazzjoni jkollha tiġi pprovduta minħabba l-intitolament tal-vittma għal parteċipazzjoni attiva fil-proċedimenti kriminali. L-Istati Membri għandhom iħallu l-vittmi jimmodifikaw ix-xewqa tagħhom fi kwalunkwe żmien, u mbagħad għandhom johduha inkunsiderazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jingħataw l-opportunità li jiġu notifikati, mingħajr dewmien mhux meħtieġ, meta l-persuna miżmuma f'kustodja, mixlija jew ikkundannata għal reati kriminali li jikkonċernawhom tinħeles jew tkun ħarbet mid-detenzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw lil-vittmi jiġu informati bi kwalunkwe miżura maħruġa għall-protezzjoni tagħhom f'każ ta' rilaxx jew ħarba tal-awtur ta' ksur.

6. Il-vittmi għandhom, fuq talba, jingħataw l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 2, tal-inqas f'każijiet fejn hemm periklu jew riskju identifikat għalihom, sakemm ma jkunx hemm riskju identifikat ta' ħsara għall-awtur ta' ksur li jirriżulta min-notifika.

*Artikolu 7*

**Dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi li ma jifhmux jew li ma jitkellmux il-lingwa li biha jsiru l-proċedimenti kriminali kkonċernati jingħataw, fuq talba, b'interpretazzjoni, f'konformità mar-rwol tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti fi proċedimenti kriminali, bla ħlas, tal-anqas matul kwalunkwe intervista jew interrogazzjoni tal-vittma waqt il-proċedimenti kriminali quddiem awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji, inkluż waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija, u jingħataw servizzi ta' interpretazzjoni għas-smigħ fil-qorti li jipparteċipaw fihom b'mod attiv u fi kwalunkwe smigħ interim meħtieġ.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli ta' diskrezzjoni ġudizzjarja, jistgħu jintużaw teknoloġiji tal-komunikazzjoni bħall-konferenzi bil-vidjo, telefon jew internet, sakemm il-preżenza fiżika tal-interpretu ma tkunx meħtieġa sabiex il-vittma tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha kif xieraq jew biex tifhem il-proċedimenti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi li ma jifhmux jew li ma jitkellmux il-lingwa tal-proċedimenti kriminali kkonċernata jiġu provduti, skont ir-rwol tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti fi proċedimenti kriminali, fuq talba, it-traduzzjonijiet ta'informazzjoni essenzjali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fil-proċedimenti kriminali, f'lingwa li jifhmu, u bla ħlas, sakemm din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-vittmi. Traduzzjonijiet ta' tali informazzjoni għandhom jinkludu tal-anqas kwalunkwe deċiżjoni li permezz tagħha jintemmu l-proċedimenti kriminali marbuta mar-reat kriminali mġarrab mill-vittma, u fuq talba tal-vittma, ir-raġunijiet jew sommarju tar-raġunijiet għal deċiżjoni bħal din, ħlief fil-każ ta' deċiżjoni ta' ġuri jew deċiżjoni fejn ir-raġunijiet ikunu kunfidenzjali, f'liema każijiet ir-raġunijiet ma jingħatawx minħabba l-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, li huma intitolati għall-informazzjoni dwar il-ħin u l-post tal-proċess, f'konformità mal-Artikolu 6(1)(b), u li ma jifhmux il-lingwa tal-awtorità kompetenti, jiġu provduti, traduzzjoni tal-informazzjoni li huma intitolati għaliha fuq talba.

5. Il-vittmi jistgħu jressqu talba rraġunata biex id-dokument jitqies bħala essenzjali. M'għandux ikun hemm ħtieġa li jiġu tradotti siltiet minn dokumenti essenzjali li mhumiex rilevanti biex il-vittmi jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċedimenti kriminali.

6. Minkejja l-paragrafi 1 u 3, traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm tad-dokumenti essenzjali jistgħu jingħataw minflok traduzzjoni bil-miktub bil-kondizzjoni li tali traduzzjoni jew sommarju bil-fomm ma jippreġudikawx kemm ikunu ġusti l-proċedimenti.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tevalwa jekk il-vittmi jeħtiġux interpretazzjoni jew traduzzjoni kif previst taħt il-paragrafi 1 u 3. Il-vittmi jistgħu jikkontestaw deċiżjoni biex ma jiġux ipprovduti interpretazzjoni jew traduzzjoni. Ir-regoli proċedurali għal tali kontestazzjoni għandhom ikunu determinati bil-liġi nazzjonali.

8. L-interpretazzjoni u t-traduzzjoni u, kif ukoll kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' kontestazzjoni ta' deċiżjoni biex ma jiġux pprovduti interpretazzjoni jew traduzzjoni taħt dan l-Artikolu, m'għandhiex ittawwal il-proċedimenti kriminali b'mod mhux raġonebvoli.

*Artikolu 8*

**Dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom, ikollhom aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi kunfidenzjali, bla ħlas, filwaqt li jaġixxu fl-interessi tal-vittmi qabel, matul u għal żmien adatt wara l-proċedimenti kriminali. Il-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom u l-grad ta' ħsara mġarrba b'riżultat tar-reat mwettaq kontra l-vittma.

2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-riferiment tal-vittmi għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi mill-awtorità kompetenti li tkun irċeviet l-ilment u minn entitajiet rilevanti oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jistabbilixxu servizzi ta' appoġġ speċjalizzat bla ħlas u kunfidenzjali flimkien ma', jew bħala parti integrata ta', servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi, jew billi l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ tal-vittmi jkunu jistgħu jitolbu tali appoġġ speċjalizzat minn entitajiet speċjalizzati eżistenti. F'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, il-vittmi għandu jkollhom aċċess għal tali servizzi u l-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-grad ta' ħsara li jkunu ġarrbu b'riżultat tal-offiża kriminali li jkun sar kontra l-vittma.

4. Is-servizzi ta' appoġġ u kwalunkwe servizz ta' appoġġ speċjalizzat jista' jiġi stabbilit bħala organizzazzjoni pubblika jew li mhix governattiva u tista' tiġi organizzata fuq bażi professjonali jew volontarja.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ma jiddependix fuq il-fatt li vittma tressaq ilment formali fir-rigward ta' reat kriminali quddiem awtorità kompetenti.

*Artikolu 9*

**Appoġġ mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

1. Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, kif jirreferi għalihom l-Artikolu 8(1), għandhom tal-anqas jipprovdu:

(a) informazzjoni, parir u appoġġ rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi inkluż dwar l-aċċess għal skemi nazzjonali ta' kumpens għal danni ta' reat kriminali, u dwar ir-rwol tagħhom fil-proċedimenti kriminali inkluż fit-tħejjija għall-attendenza fil-proċess;

(b) informazzjoni dwar jew referenza diretta għal kwalunke servizz ta' appoġġ rilevanti fis-seħħ;

(c) appoġġ emottiv u, fejn disponibbli, psikoloġiku;

(d) parir marbut ma' kwistjonijiet finanzjarji u prattiċi li jqumu mill-att kriminali;

(e) sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor minn servizzi pubbliċi jew privati, parir relatat mar-riskju u l-prevenzjoni ta' vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi biex jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi li ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità tal-att kriminali.

3. Sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor minn servizzi pubbliċi jew privati oħra, servizzi ta' appoġġ speċjalizzati msemmija fl-Artikolu 8(3), għandhom tal-anqas jiżviluppaw u jipprovdu:

(a) kenn jew kwalunkwe akkomodazzjoni interim adatta għal vittmi li għandhom bżonn post sikur minħabba riskju imminenti ta' vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni;

(b) appoġġ immirat u integrat għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, bħal vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sessi u vittmi ta' vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, inklużi appoġġ fi trawma u konsultazzjoni.

KAPITOLU 3

## PARTEĊIPAZZJONI FI PROĊEDIMENTI KRIMINALI

*Artikolu 10*

### Id-dritt li wieħed jinstema'

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jistgħu jinstemgħu waqt il-proċedimenti kriminali u jkunu jistgħu jipprovdu xhieda. Fejn il-vittma li tkun għadha tfal tkun ser tinstema', għandha titqies l-età u l-maturità tagħha.

2. Ir-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jistgħu jinstemgħu waqt il-proċedimenti kriminali u jistgħu jipprovdu xhieda għandhom ikunu determinati mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 11*

### Drittijiet f'każ li tittieħed deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ma jiġix mixli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, f'konformità mar-rwol tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti, għandhom id-dritt għal reviżjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ta' ksur ma jkunx ser jiġi mixli. Ir-regoli proċedurali għal reviżjoni bħal din għandhom ikunu determinati mil-liġi nazzjonali.

2. Meta, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ir-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti jkun ġie stabbilit biss wara li tkun ittieħdet deċiżjoni biex jiġi mixli l-awtur ta' ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas il-vittmi ta' reati serji għandhom id-dritt għal reviżjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ta' ksur ma jkunx ser jiġi mixli. Ir-regoli proċedurali għal reviżjoni bħal din għandhom ikunu determinati mil-liġi nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu notifikati mingħajr dewmien mhux meħtieġ tad-dritt tagħhom li jingħataw informazzjoni, u li humajirċievu biżżejjed informazzjoni biex jiddeċiedu dwar jekk għandhomx jitolbu reviżjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ta' ksur ma jkunx ser jiġi mixli, fuq talba.

4. Fejn id-deċiżjoni inizjali li l-awtur ma jiġix mixli tittieħed mill-ogħla awtorità ta' prosekuzzjoni li ma tista' titwettaq l-ebda reviżjoni kontra d-deċiżjoni tagħha skont il-liġi nazzjonali, id-dritt għar-reviżjoni jista' jitwettaq mill-istess awtorità.

5. Il-paragrafi 1, 3 u 4 m'għandhomx japplikaw għal deċiżjoni tal-prosekutur li ma ssirx prosekuzzjoni, jekk tali deċiżjoni tirriżulta f'soluzzjoni barra mill-qorti, sa fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi possibbiltà bħal din.

*Artikolu 12*

### Dritt għal salvagwardji fil-kuntest ta' servizzi ta' ġustizzja restorattiva

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri li jissalvagwardjaw il-vittma minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, li għandhom jiġu applikati meta jingħataw kwalunkweservizzi ta' ġustizzja restorattiva. Tali miżuri għandhom jiżguraw li l-vittmi, li jagħżlu li jipparteċipaw fi proċessi ta' ġustizzja restorattiva jkollhom aċċess għal servizzi ta' ġustizzja restorattiva sikura u kompetenti, soġġett tal-anqas għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' ġustizzja restorattiva jintużaw biss jekk ikunu fl-interess tal-vittma, soġġetti għal kwalunkwe konsiderazzjoni sikura, u jkunu bbażati fuq il-kunsens liberu u infurmat tal-vittma; li jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin;

(b) qabel ma taqbel li tipparteċipa fil-proċess ta' ġustizzja ristorattiva, il-vittma tingħata informazzjoni sħiħa u imparzjali dwar dak il-proċess u l-eżiti potenzjali kif ukoll informazzjoni dwar il-proċeduri ta' sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim;

(c) l-awtur ta' ksur irid jkun irrikonoxxa l-fatti bażiċi tal-kawża;

(d) kwalunkwe ftehim jintlaħaq b'mod volontarju u jista' jitqies fi kwalunkwe proċediment kriminali ulterjuri;

(e) diskussjonijiet fi proċessi ta' ġustizzja restorattiva li ma jitwettqux fil-pubbliku huma kunfidenzjali u għalhekk ma jiġux żvelati, ħlief bil-ftehim tal-partijiet jew kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali minħabba interess pubbliku iktar importanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-riferiment ta' każijiet, kif adatt, għal servizzi ta' ġustizzja restorattiva, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' proċeduri jew linji gwida dwar il-kundizzjonijiet għal tali riferiment.

*Artikolu 13*

### Dritt għal għajnuna legali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom aċċess għal għajnuna legali, fejn ikollhom l-istatus ta' partijiet għall-proċedimenti kriminali. Il-kundizzjonijiet jew regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jkollhom aċċess għal għajnuna legali għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 14*

**Dritt għal rimborż tal-ispejjeż**

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-vittmi, li jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali, il-possibbiltà li jiġu rimborżati għall-ispejjeż li jkunu ġarrbu b'riżultat tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom fi proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti. Il-kondizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jistgħu jiġu rimborżati għall-ispejjeż għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 15*

**Dritt ta' radd lura tal-proprjetà**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara deċiżjoni minn awtorità kompetenti, il-proprjetà li tista' tiġi rkuprata li tiġi sekwestrata matul il-proċedimenti kriminali tintradd lura lill-vittmi mingħajr dewmien, sakemm ma tkunx meħtieġa għall-iskop tal-proċedimenti kriminali. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li taħthom tali proprjetà tintradd lura lill-vittmi għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 16*

**Dritt għal deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur ta' ksur matul il-proċedimenti kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul il-proċedimenti kriminali, il-vittmi jkunu intitolati li jiksbu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur ta' ksur, fi żmien raġonevoli, ħlief fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li tali deċiżjoni ssir fi proċedimenti legali oħrajn.

2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri biex iħeġġu lill-awturi ta' ksur jipprovdu kumpens adegwat lill-vittmi.

*Artikolu 17*

**Drittijiet ta' vittmi residenti fi Stat Membru ieħor**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jieħdu miżuri adattati biex inaqqsu d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-vittmi meta dawn ikunu residenti fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun twettaq ir-reat, partikolarment fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat għandhom, b'mod partikolari, ikunu f'pożizzjoni li:

(a) jieħdu dikjarazzjoni mingħand il-vittma immedjatament wara li jsir l-ilment dwar ir-reat kriminali lill-awtorità kompetenti;

(b) jirrikorru sa fejn ikun possibbli għad-dispożizzjonijiet dwar il-konferenzi bil-vidjo u t-telefonati ta' konferenza stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Mejju 2000 ([1]) bil-għan li jinstemgħu l-vittmi li jkunu residenti barra mill-pajjiż.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' reat kriminal mwettaq fi Stati Membri differenti minn dak ta' fejn jgħixu jkunu jistgħu jagħmlu lment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom, jekk ma jkunux jistgħu jagħmlu dan fl-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat jew, fil-każ ta' reat serju, kif iddeterminat mil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, jekk ma jkunux jixtiequ jagħmlu dan.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti li magħha jkun sar l-ilment tibagħtu mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat kriminali, jekk il-kompetenza li jinbdew il-proċdimenti ma tkunx ġiet eżerċitata mill-Istat Membru fejn sar l-ilment.

KAPITOLU 4

**PROTEZZJONI TAL-VITTMI U RIKONOXXIMENT TA' VITTMI BI ĦTIĠIJIET SPEĊIFIĊI TA' PROTEZZJONI**

*Artikolu 18*

**Dritt għal protezzjoni**

Bla preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri disponibbli għall-protezzjoni tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, inkluż kontra r-riskju ta' ħsara emozzjonali jew psikoloġika, u għall-protezzjoni tad-dinjità tal-vittmi waqt l-interrogazzjoni u meta jagħtu x-xhieda tagħhom. Meta meħtieġ, tali miżuri għandhom jikludu wkoll proċeduri stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom.

*Artikolu 19*

**Dritt li jiġi evitat kuntatt bejn il-vittma u l-awtur ta' ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' jiġi evitat kuntatt bejn il-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom, fejn meħtieġ, u l-awtur ta' ksur fil-binjiet fejn jitwettqu l-proċedimenti kriminali sakemm il-proċedimenti kriminali ma jkunux jeħtieġu tali kuntatt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li binjiet ġodda tal-qorti jkollhom kmamar fejn jistennew separati għall-vittmi.

*Artikolu 20*

**Dritt għall-protezzjoni tal-vittmi waqt l-investigazzjonijiet kriminali**

Bla preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli ta' diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt investigazzjonijiet kriminali:

(a) l-intervisti tal-vittmi jsiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li jkun sar l-ilment fir-rigward tar-reat kriminali lill-awtorità kompetenti;

(b) l-għadd ta' intervisti mal-vittmi jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jsiru biss fejn strettament meħtieġ għall-iskopijiet tal-investigazzjonijiet kriminali;

([1]) ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.

(c) il-vittmi jkunu jistgħu jiġu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom u minn persuna li jagħżlu huma stess, sakemm ma tkunx ingħatat deċiżjoni motivata kuntrarja;

(d) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżamijiet mediċi jinżammu għall-minimu u jitwettqu biss meta jkunu strettament meħtieġa għall-iskop tal-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 21*

**Dritt għall-protezzjoni tal-privatezza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt il-proċedimenti kriminali, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-privatezza, inklużi karatteristiċi personali tal-vittma meqjusa fil-valutazzjoni individwali prevista fl-Artikolu 22, u immaġini tal-vittmi u tal-membri tal-familji tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri legali kollha biex jipprevjenu d-disseminazzjoni pubblika ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' vittmi tfal.

2. Sabiex jiġu protetti l-privatezza, l-integrità personali u d-data personali tal-vittmi, l-Istati Membri għandhom, b'rispett għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-medja, iħeġġu lill-medja sabiex tieħu miżuri awtoregolatorji.

*Artikolu 22*

**Valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ssirilhom valutazzjoni individwali u f'waqtha, skont il-proċeduri nazzjonali, biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt jibbenefikaw minn miżuri speċjali matul il-proċedimenti kriminali, kif previst fl-Artikoli 23 u 24, minħabba li jkunu partikolarment vulnerabbli għal vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni.

2. Il-valutazzjoni għandha tieħu kont partikolarment ta':

(a) il-karatteristiċi personali tal-vittma;

(b) it-tip jew in-natura tal-att kriminali; u

(c) iċ-ċirkostanzi tal-att kriminali.

3. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil vittmi li jkunu ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità u tal-att kriminali; vittmi li jkunu ġarrbu att kriminali mwettaq bi preġudizzju jew raġuni diskriminatorja, li jista', b'mod partikolari, jkun marbuta mal-karatteristiċi personali tagħhom; vittmi li r-relazzjoni tagħhom ma' u d-dipendenza tagħhom fuq l-awtur ta' reat tagħmilhom partikolarment vulnerabbli. F'dan ir-rigward, vittmi ta' terroriżmu, kriminalità organizzata, traffikar tal-bnedmin, vjolenza abbażi tas-sessi, vjolenza f'relazzjonit mill-qrib, vjolenza sesswali, sfruttament jewreati ta' mibegħda, u vittmi b'diżabbiltàgħadhom jitqiesu kif dovut.

4. Għall-fini ta' din id-Direttiva, vittmi tfal għandhom jitqiesu li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previsti skont l-Artikoli 22 u 24, il-vittmi tfal għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni individwali kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. L-ambitu tal-valutazzjoni individwali jista' jiġi adattat skont il-gravità tal-att kriminali u l-livell ta' ħsara viżibbli li tkun ġarrbet il-vittma.

6. Tali valutazzjoni individwali għandha ssir b'involviment mill-qrib tal-vittmi u għandha tieħu kont tax-xewqat tagħhom inkluż fejn ma jkunux jixtieqju jibbenefikaw minn miżuri speċjali prevsiti fl-Artikoli 22 u 24.

7. Jekk l-elementi li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali ikunu nbidlu b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din tkun aġġornata matul il-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 23*

**Dritt għall-protezzjoni ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni waqt il-proċedimenti kriminali**

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u skont irregoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni li jibbenefikaw minn miżuri speċjali identifikati bħala riżultat ta' valutazzjoni individwali prevista fl-Artikolu 22(1) jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri previsti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Miżura speċjali prevista wara l-valutazzjoni individwali mżgħandiex titpoġġa għad-dispożizzjoni jekk restrizzjonijiet operazzjonali jew prattiċi jagħmlu dan impossibbli, jew fejn ikun hemm ħtieġa urġenti li tiġi interrogata l-vittma u jekk dan ma jsirx tkun tista' ssir ħsara lill-vittma jew persuna oħra jew tista' tippreġudika l-kors tal-proċedimenti.

2. Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu disponibbli matul l-investigazzjonijiet kriminali għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati skont l-Artikolu 22(1):

(a) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa f'binjiet imfasslin jew addattati għal dak l-iskop;

(b) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak il-għan;

(c) l-intervisti kollha tal-vittma jitwettqu mill-istess persuni sakemm dan ma jmurx kontra l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja;

(d) l-intervisti kollha mal-vittmi ta' vjolenza sesswali, vjolenza abbażi tas-sessi jew vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, sakemm ma jsirux minn prosekutur jew imħallef, isiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk, sakemm il-kors tal-proċedimenti kriminali ma jiġix ippreġudikat.

3. Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati skont l-Artikolu 22(1) matul il-proċediment tal-qorti:

(a) miżuri biex jiġi evitat kuntatt viżwali bejn il-vittmi u l-awturi ta' ksur matul l-għoti ta' xhieda, b'mezzi adatti inkluż l-użu tat-teknoloġija ta' komunikazzjoni;

(b) miżuri biex jiġi żgurat li l-vittma tkun tista' tixhed fl-awla tal-qorti mingħajr ma tkun preżenti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni xierqa;

(c) miżuri biex jiġu evitati mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata tal-vittma mhux marbuta mar-reat kriminali; u

(d) miżuri li jippermettu li jsir smigħ mingħajr il-preżenza tal-pubbliku.

*Artikolu 24*

**Dritt għall-protezzjoni ta' vittmi tfal waqt il-proċedimenti kriminali**

1. Minbarra l-miżuri previsti fl-Artikolu 23, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-vittma hija tifel jew tifla:

(a) f'investigazzjonijiet kriminali, l-intervisti kollha mal-vittmi tfal jistgħu jiġu rreġistrati awdjoviżwalment u tali intervisti rreġistrati jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti kriminali;

(b) f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, skont il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenitur jinżammu milli jirrappreżentaw it-tifel jew tifla vittma bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejnhom u t-tifel jew tifla vittma, jew fejn it-tifel jew tifla vittma ma tkunx akkumpanjata jew tkun separata mill-familja;

(c) fejn it-tfal vittmi jkollhom id-dritt għal avukat, it-tfal għandu jkollhom id-dritt għall-parir u r-rappreżentazzjoni legali tagħhom, f'isimhom, fi proċediment fejn hemm, jew jista' jkun hemm, kunflitt ta' interess bejn it-tfal vittmi u d-detenturi tar-responsabbiltà parentali.

Ir-regoli proċedurali għar-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu 1 u l-użu tagħhom għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali.

2. Fejn l-età ta' vittma ma tkunx ċerta, u hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li l-vittma hija tifel jew tifla, il-vittma għandha, għall-fini ta' din id-Direttiva, titqies bħala tifel jew tifla.

KAPITOLU 5

**DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA**

*Artikolu 25*

**Taħriġ tal-prattikanti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li uffiċjali li x'aktarx ikollhom kuntatt mal-vittmi, bħal uffiċjali tal-pulizija u persunal tal-qorti jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat għal livell adatt għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi biex isiru aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-vittmi u sabiex ikunu jistgħu jittrattaw mal-vittmi b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu li dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi involuti fi proċedimenti kriminali jagħmlu disponibbli kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat biex l-imħallfin u l-prosekuturi jsiru aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-vittmi.

3. Bir-rispett dovut għall-indipendenza tal-professjoni legali, l-Istati Membri għandhom jirrakkomandaw li dawk responsabbli għat-taħriġ tal-avukati jagħmlu disponibbli kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat biex l-avukati jsiru aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-vittmi.

4. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, l-Istati Membri għandhom iħeġġu inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lill-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva li jirċievu taħriġ adegwat għal livell adatt għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi u josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali.

5. Skont id-dmirijiet involuti, u n-natura u l-livell ta' kuntatt li l-prattikant ikollu mal-vittmi, it-taħriġ għandu jkollu l-għan li jagħmilha possibbli għall-prattikant li jirrikonoxxi l-vittmi u li jitrattahom b'mod rispettuż, professjonali u mhux diskriminatorju.

*Artikolu 26*

**Kooperazzjoni u koordinazzjoni tas-servizzi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni adatta biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex itejbu l-aċċess tal-vittmi għad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva u skont il-liġi nazzjonali. Kooperazzjoni bħal din għandha mill-inqas tkun immirata lejn:

(a) l-iskambju tal-aħjar prattika;

(b) il-konsultazzjoni f'każijiet individwali; u

(c) l-għajnuna lil netwerks Ewropej li jaħdmu fuq kwistjonijiet direttament rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni adatta, inkluż permezz tal-internet, bil-għan li ssir sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva, jitnaqqas ir-riskju ta' vittimizzazzjoni, u jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal- kriminalità u r-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, tal-intimidazzjoni u tar-ritaljazzjoni, b'mod partikolari billi jkunu fil-mira gruppi f'riskju bħal tfal, vittmi ta' vjolenza abbażi tas-sessi u ta' vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib. Azzjoni bħal din għandha tinkludi kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn adatt f'kooperazzjoni ma' aġenziji rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn.

KAPITOLU 6

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 27*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa 16 ta' Novembru 2015.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

*Artikolu 28*

**Ghoti ta' data u statistika**

*L-Istati Membri għandhom* sas-16 ta' Novembru 2017 u kull tliet snin wara dan jikkomunikaw lill-Kummissjoni data disponibbli li turi kif il-vittmi kellhom aċċess għad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 29*

**Rapport**

Il-Kummissjoni għandha, sas-16 ta' Novembru 2017, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta kemm l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, u jinkludi deskrizzjoni tal-azzjoni meħuda skont l-Artikoli 8, 9 u 23, akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

*Artikolu 30*

**Sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI**

Id-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI hija b'dan sostitwita b'rabta mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-iskadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

B'rabta mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għal dik id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 32*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |